# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 11 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru : 780/2007 JPG**

**Kawza Numru : 14**

**Nazzareno Abela I.D. 373250(M)**

**vs**

**(i) CMA CGM s.a. b'digriet tal-25 ta' Settembru 2009 issostitwew lil CMA CGM (Malta) Limited 562 024 422 R.C.S Marseille;**

**(ii) Malta Freeport Terminals Limited (C 27581);**

**(iii) Steamship Insurance Management Services Ltd ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' Nazzareno Abela (a fol. 1 et seq ) li jaqra hekk :

1. *"Illi nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju,2005 ir-rikorrent kien involut f' incident fuq il-post tax-xoghol gewwa l-Freeport Terminal f'Kalafrana, meta t-'tug master' u cioe' il-veikolu li huwa kien isuq fuq il-moll minn fejn jghaddu l-veikolu li dak iz-zmien kien passagg pjuttost imharbat bil-konsegwenza li r-rikorrenti sofra griehi f'rasu, tilef il-kontroll tat-'tug master' u baqa' diehel go*

*platform tal-konkos u kompla sofra diversi feriti ohra f'rasu u f'partijiet ohra ta' gismu;*

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent sofra danni emergenti u lukri cessanti konsistenti f'dizabilita' permanenti f'persuntu u telf ta' xoghol;*

3. *Illi l-incident in kwistjoni kien dovut ghal nuqqas ta' sigurta' u attenzjoni ghas-sahha u f'inkolumita' tal-haddiema da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u ghaldaqstant ir-responsabbilta' ta' dan l-incident hija unikament tal-imsemmija socjetajiet intimati jew min minnhom;*

4. *Illi s-socjetajiet intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzloni u ghall-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2007 izda baqghet inadempjenti.*

*Tghidu ghalhekk is-socjetajiet intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tiddikjara illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghall-incident u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni sofferti mir-rikorrent konsegwenza ta' l-imsemmi incident;*

3. *Tikkundanna lis-socjetatjiet intimati jhallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrent fil-ligi u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2007 u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.";*

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd (C27581) tat-22 t' Awwissu 2007 (a fol.43 ) li taqra hekk:

1. *"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha billi l-incident in kwistjoni ma garax bi traskuragini, imperizja jew nuqqas ta' sigurta' ghas-sahha u l-inkolumita' tal-haddiema tas-socjeta' esponenti.*

2. *Illi l-incident gara unikament minhabba traskuragni u imperizja da parti tal-istess attur li baqa diehel go'concrete platform' li jiccirkonda arblu tad-dawl u li jinsab mal-gemb tal-passagg karreggjabbli; dan il-'platform' huwa facilment vizibbli u madwar dan il-platform - u madwar kull platform iehor li jiccirkonda l-arbli tad-dawl kollha fuq il-moll tal-freeport hemm sinjali li juru li fil-vicinanzi hemm arblu tad-dawl.*

3. *Illi ghalkemm is-socjeta' esponenti ghamlet dak kollu possibbli sabiex tassigura 1-inkolumita' tal-haddiema, l-attur baqa diehel fil-'concrete platform' u oltre 1i garrab xi feriti fuqu innifsu, ghamel hsarat kemm fit-tug li kien qed isuq u kemm fil-propjeta' tas-socjeta' esponenti."*

Rat ir-risposta guramenta ta' Ann Fenech bhala mandatarju specjali in nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Steamship Insurance Management Services Ltd tal-5 ta' Gunju 2008, (a fol. 47 et seq) li jaqra hekk:

1. *Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrent fil-konfront tas-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd ghandha tigi michuda peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd u r-rikorrent u ghalhekk is-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju"*

2. *Illi it-talba tar-rikorrent kif imressqa fir-rikors guramentat tidher ili tirrigwarda talba ghal allegati danni kkawzati minn incident li sehh waqt illi r-rikorrent kien qed isuq 'tug master' fuq il-moll. Is-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd ma ghandha l-ebda konnessjoni ma dana*

*l-moll u lanqas ma toffri kopertura ta' assigurazzjoni fil-konfront ta' dana l-moll, ma setghat qatt kienet responsabbli ghall-allegati danni li gew ikkawzati lir-rikorrenti u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet ulterjuri is-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd ghandha tigi lliberata mill - osservanza tal-gudizzju .*

3. *Illi inoltre ghandu jinghad illi s-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd hija biss is-socjeta' r-rapprezentati gewwa Londra tal-manager tal-P&I Club Steamship Mutual Underwriting Association (Bermuda) Ltd liema P&I Club ikopri lis-socjeta' CMA CGM SA bhala proprjetarja ta' parti mill-flotta ta' bastimenti operati mill-istess socjeta' CMA CGM SA" Peress illi t-talba tar-rikorrenti ma tirrigwarda bl-ebda mod xi bastiment u wisq anqas bastiment operat mis-socjeta' CMA CGM SA, is-socjeta' Steamship Insurance Management Services Ltd li hija biss is-socjeta' rapprezentanti gewwa Londra tal-manager tal-P&I Club tas-socjeta CMA CGM SA giet imharka inutilment bhala konvenut u anke ghal dina r-raguni ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-18 ta' Frar 2009 fejn innominat l-Perit Mediku Dr. Massimo Abela a fol. 72;

Rat in-nota tal-attur Nazzareno Abela tad-29 t'April 2011 (a fol. 99)illi biha ceda it-talbiet tieghu limitatament ghas-socjeta estera konvenuta CMA CGM s.a.;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-11 ta' Mejju 2011 fejn innominat l-Perit Legali Dr. Maxilene Pace a fol. 100;

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Dr. Massimo Abela prezentat fl-24 ta' Marzu 2011 u mahluf fil-15 ta' Novembru 2011 (a fol. 117 et seq);

Rat in-nota tal-attur Nazzareno Abela illi biha ceda it-talbiet tieghu limitatament ghas-socjeta estera konvenuta Steamship Insurance Mangement Services Limited tat-3 ta' Lulju 2012 (fol. 148);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-attur Nazzareno Abela tal-14 ta' Gunju 2013 (a fol. 154 et seq);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd (C27581) tas-17 ta' Lulju 2013 (a fol. 178 et seq);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Maxilene Pace ipprezentat fil-11 ta'Novembru 2013 u mahluf fit-28 ta' Jannar 2014 (a fol. 184 et seq);

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd (C27581) tal-24 t'April 2014 (a fol. 358 et seq) li permezz taghha pprezentaw d-domandi in eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Maxilene Pace;

Rat ir-risposti tal-Perit Legali Dr. Maxilene Pace tal-21 ta' Mejju 2014 (a fol. 366 et seq);

Rat id-decizjoni taghha tad-9 ta' Lulju 2014 (a fol. 372 et seq.);

Rat id-digriet taghha tat-22 t'Ottubru 2015 (a fol. 399) fejn innominat lill-Ingineer Dr. Claire De Marco;

Rat il-verbal tal-20 ta' Jannar 2016 fejn Dr. Claire De Marco talbet direzzjoni mill-Qorti stante li xtaqet li taghmel ezamijiet fuq it-Tugmaster 181 u fuq il-post ezatt fejn sar l-incident u senjatament id-dwal tal-Tugmaster bil-lejl, l-gholi tal-air conditioning u fejn hu mwahhal u l-pjanci tal-hadid tal-RTG craines humiex fil-passagg tat-Tugmaster (a fol. 408);

Rat ir-risposta tal-attur Nazzareno Abela tat-22 ta' Jannar 2016, ghat-talbiet maghmula mill-Espert Tekniku l-Inginier Claire De Marco waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2016 (a fol. 413 et seq.);

Rat il-Provediment taghha datat fit-28 ta' April 2016 (a fol. 421 et seq.);

Rat ir-Rapport ta Dr. Ing. Claire De Marco ID. 395465 (M), mahlufa fil-5 ta' Jannar 2017 (a fol. 437 et seq.);

Rat ir-Risposti ta Dr. Ing. Claire De Marco ID. 395465 (M) ghad-domandi in eskussjoni, datati fl-10 ta' Lulju 2017 (a fol. 462 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Nazzareno Abela** xehed illi huwa kien jaħdem bħala Port Worker fil-Malta Freeport u irtira f'April tas-sena 2011 u kien ilu hekk jaħdem għall aktar minn 21 sena. Spjega li fit-23 ta' Lulju 2005 huwa kien qiegħed isuq tug master bin-numru 181 u li hu kien oġġezzjona għall dan id-dmir dakinhar peress li dan ma kienx adattat ghall-istatura tieghu u li filfatt normalment kien juza tug master 147. Xehed li t-tugmaster 147 kellu l-*isteering wheel* iffissat, '*fis-sens li ma setax jiġi aġġustat'* u li kellu '*l-isteering wheel kien wieqaf u dritt mill-art.'* Spjiega ukoll li dan it-tug master kien *'l-aktar wieħed addattat għall-istatura tigħi. Nispjiega li jien twil sitt piedi u zewġ pulzieri.*

Rigward it-*tugmaster* 181 xehed illi illi dan *'kellu is-sedil tax-xufir illi oriġinarjament setgħa jiġi aġġustat mweħħel...kien ġie wweldjat wara li kien nkiser fuq il-lant tax-xogħol.'* Zied li filfatt is-sedil ta' dan it-*tugmaster* kien sedil ieħor li tneħħa minn fuq fork lifter u tweħħel fuq dan it-tug master, u li lanqas arja ma kellu. Xehed ukoll illi l-*isteering wheel* ta' dan it-*tugmaster* ghalkemm kien originarjament aggustabli kien ġie mwweldjat f'posizzjoni waħda ukoll u dan wara li kien soffra xi ħsarat matul ix-xogħol. Qal ukoll illi d-distanza bejn is-sedil u l-isteering wheel iwweldjati ma kienitx

tippermetti bizejjed spazju għall-istatura tiegħu, u li kien ilmenta ta' certu Joe Desira rigward dawn il-kondizzjonijiet. Ikkummenta illi '*Hija prattika li meta jkun hemm xi ħsara fuq xi makinjarju jew għodda tax-xogħol il-ħaddiema tal-Freeport jipprovdu għaliha bil-laqx.'*

Qal illi dakinhar tal-incident huwa kien beda jsuq it-*tugmaster* 181 f'nofs il-lejl, u qal illi kienet tħalliet biċċa slab tal-konkos mwaħħla ma' l-art fin-nofs, liema biċċa kienet kollha msaħħa bil-konkos u li kienet għolja madwar zewġ piedi u wiesgħa erba' piedi. Qal ukoll illi b'konsegwenza tat-tneħħija tal-arbli tad-dawl iz-zona spiċċat bla dawl u li t-triq fejn ġara l-nċident hija mħaffra ħafna. Spjega illi l-wiċċ tat-triq kien magħmul minn bricks u b'konsegwenza ta' hekk '*t-tug masters ma kinux jorbtu wisq mal-wiċċ tat-triq u setgħu jizolqu.*' Xehed illi li l-karru ta' kull tug master kien mingħajr brejkijiet u li meta tieħu l-break tat-truck ir-roti tal-karru ma kienux jorbtu, u zied illi ma kienx hemm sistema idrawlika tal-brekijiet kommunikata mill-kabina għall-karru u b'konsegwenza ta' dan il-karru ma kienx jorbot. Qal ukoll illi fit-*tugmaster* kien gie installat *airconditioner* li originarjament ma kellux.

Rigward l-incident xehed illi kien għaddej mill-A Stack fil-ħin ta' madwar il-05:30am fi dlam ċappa, t-tug master beda jaqbez u joqmos minħabba l-ħofor ma' l-art. Qal li għafas il-brake, t-tug master immolla, ħabat rasu mal-airconditioner li kien hemm fuq rasu. Kompla li bid-daqqa kwazi intilef minn sensieh u kif kien sotrdut it-tug master tefgħu għal fuq l-*isteering wheel* u baqa sejjer u daħal ġo biċċa mill-konkos li kien għad hemm f'nofs ta' triq. Zied li huwa tar u habat rasu mal-panel li kien hemm bejn is-saqaf u l-windscreen.

Rigward il-konsegwenzi ta' dan l-incident xehed illi huwa kien sofra *concussion,* zewġ fratturi f'għonqu, frattura f'daru, rasu maqsuma li b'konsegwenza ta' hekk għamel 15 il-punt minn barra, iċċaqlaqlu l-għadam ta' għonqu u li wara l-inċident ma setgħax jibqa jaħdem l-istess. Qal illi li minħabba dan l-inċident u l-ġrieħi li sofra huwa dam ħdax -il xahar ma jidħol lura għax-xogħol u tilef bejn Lm28,000 u Lm30000.

**In kontro-ezami** xehed illi dakinhar tal-incident **kien hadem madwar 16 il-siegħa** u li s-socjeta konvenut kienet taf li dan kien isir u kienu jahdmu hekk ghax hekk kien

hemm bzonn. Mistoqsi kemm kien ilu jsuq meta ġara l-aċċident xehed illi hu kien shift tal-erbgħa ta' wara nofsinhar u f'dak is-shift ma kienx xufier izda kien abbord 'lushing'. Xehed li dakinhar tal-incident kien hadem 3 shiftijiet ta' 8 siegħat in fila imma mhux kollha jsuq it-truck.

B'referenza għar-ritratt fejn hemm il-ħofra, anness bhala Dok R9 mal-affidavit tieghu, xehed illi dan ma għandux x'taqsam ma fejn ġara l-inċident. B'referenza għall-ħofor li jissemmew, xehed *'dawn huma wavy, fis-sens li l-art mhux lixxa, fil-fatt kien sar it-tarmac wara, l-aktar li taqbez meta t-trukk ikun vojt, il-madum tal-art kien nizel ħabba l-pijs tat-trukkijiet izda mhumiex pot holes, l-art mifqugħa kollha kienet.'* Zied illi fejn sar l-accident sar it-tarmac illum. Dwar l-airconditioners ikkonferma li dawn kienu nstallati Malta. Mistoqsi dwar it-tug master 181, cioe dak li kien qed isuq meta gara l-incident, xehed illi ma kienx cert jekk l-airconditioner tiegħu kienx installat Malta jew ġiex mil-fabbrika.

Ikkonferma illi l-*isteering* u s-*seat* kienu iwweldjati. Mistoqsi dak il-ħin tal-inċident jekk it-tug master kellux *container* warajħ xehed li le, u li *'kien ukun aħjar kieku kien għax kien izomm aktar*.' Mistoqsi fejn kien sejjer, xehed li kien sejjer jiġbor *container* minn Terminal 2.

**Emanuel Fava xehed permezz ta' affidavit u kkonferma u kkorrobora x-xhieda tar-rikorrent. Zied illi wara l-incident tar-rikorrent saru numru ta' tibdiliet fosthom li gew akkwistati tug masters b'saqaf aktar gholi u ta' ditta superjuri, bil-units tal-airconditioning gewwa d-dashboard, bil-brakes tal-arja anke fil-karru li jkun marbut mat-tug master.**

**Mario Bondin** xehed permezz ta' affidavit u kkonferma u kkorbora x-xhieda tar-rikorrent. In partikolari x-xhud qal illi l-haddiema tax-xatt kienu kemm il-darba ilmentaw fuq it-tug masters iwweldjati minhabba l-perikolu izda kienu jigu mgieghla jahdmu bihom xorta taht piena ta' sospensjoni.

**George Ciantar** xehed li huwa kien manager tal-Port Workers care of Transport Malta. Xehed li Nazzareno Abela kien port worker u ħareġ bil-pensjoni. Dwar kif jahdmu l-portworkers xehed li dawn jahdmu '*piece work jitħallsu skond kemm*

*jaħdmu. Id-dħul ta' Nazzareno Abela wara l-inċident ma kien xejn billi ma kienx jista' jaħdem, kien jitħallas xi ħaġa zgħira ta' l-injuries. Mistoqsi kemm kien jaqla' ta' l-injuries ngħid li m'għandiex informazzjoni.'*

Xehed ukoll li li s-sur Nazzareno Abela kien bis-*sick leave* mit-23 ta' Lulju 2005 sa 26 ta' Ġunju 2006 billi kien injured. Mis-17 ta' Settembru 2007 sat- 18 ta' Ottubru 2007 kellu *sickness injury* oħra.

**Il-Perit Joseph Bugeja** xehed illi l-A stack, mmarkata b'kulur isfar hija *stacking area* li '*hija magħmula miz-zrar, l-ilma tax-xita jidħol fiha u jinxtorob minn dan iz-zrar. Dan xogħol tan-1989-90. Kienet magħmula minn zrara apposta biex tieħu d-daqqiet tal-containers izda biz-zmien tistrieħ u konna nġibu aktar zrar u nwittu.'* Spjega illi l-*A stack* hija l-ispazju ta' bejn il-*container*s, u li x-xogħol li ġieli sar fuqha kien ta' *levelling* taz-zrar. Dwar it-triq u xogholijiet li kienu saru, xehed li 't-*triq li qiegħda tiġi mmarkata bil-highlighter roza kienet oriġinarjament blokki tal-concrete u f'perjodu ma nafx meta sar it-tarmac. Id-data ma nafhiex, irrid niccekkja d-data meta. Apparti din it-triq, dwar ix-xogħolijiet oħra ngħid li z-zona li fuq il-pjanta NA2 tidher kulur isfar, din ġiet zvillupata u issa hi utilizzata sew*.' Xehed li dawk immarkati bhala LT huma arbli tad-dawl.

Xehed li kien hemm ingrandiment fil-pjanti, muri b'cirku, li juri il-vehicular passage li huwa minn fejn jgħaddu u jitgħabbew it-tug masters. Spjega li l-erba kaxxex taħt il-kelma 'vehicular passage' huma t-turning plates, u **li fejn hemm miktub LT8A, li juri l-lightening tower, dan tressaq bejn is-17 ta' Marzu 2005 u d-19 ta' Ġunju 2005.** Mistoqsi kienx hemm fonti oħra ta' dawl apparti id-dawl li kien jagħti l-*lightening tower* xehed li kull fejn hemm indikat LT b'numru iffisser lightening tower u n-numru relattiv. Xehed li jekk il-*cranes* ikunu fil-viċinanzi u ċioe il-*key cranes*, dawn ukoll jemettu d-dawl. Qal li l-RTG għandu d-dawl tiegħu li hu tranzitorju jiġifieri jimxu miegħu. Id-dawl li jagħtu jagħtuh biss meta jkun qed jaħdem. Xehed li l-lightening towers LT 7A u LT224 li mmarkajt bil-biro fuq il-pjanta hemm kienu u hemm baqgħu. Spjega li l-**asfalt sar bejn l-20 ta' Ottubru tas-sena 2006**, fit triq prinċipali shaded bil-biro fuq il-pjanta, u li l-asphaltar fil-blokka bejn A u B, B u C, C u D, fil-blokk number 4 mmarkat fuq il-pjanta – **dan sar bejn id-29 ta' Jannar u t-2 ta' Frar 2008.**

**Nazzareno Bugeja** xehed li hu kien ilu sbatax il-sena (17-il sena)jahdem bhala *port worker* u li lil Nazzareno Abela kien jafu għax kien jaħdem miegħu bħala *port worker*. Xehed li qabel Lulju tal-2005 kien hemm tlett kwalitajiet ta' *tug masters* li kienu jigu godda mill-Belgium u li kien bdew jinbidlu fis-sena 2003/2004. Xehed illi t-*tug masters* il-ġodda kellhom steering wheel jitla u jinzel (*adjustable*) u kellhom difett li inti u ssuq jaħrablek l-isteering minn idek. Qal li peress li l-granaġġi kienu ser idumu ma jaslu, u ma kienux qed ilahhqu max-xoghol għalhekk kien hemm struzzjonijiet sabiex dawn jigu iwweldjati, ghaliex minghajr granaggi it-*tug masters* ma jistghux jigu misjuqa. Spjega li l-isteering ried ikun adjustable minhabba t-tul tat-tug master biex ikun komdu, u li jekk ma jkunx kif għandu jkun '*ibazwrek*' u filfatt meta dan Spiteri kien qallu li ser jiwweldjawhom, huwa kien qallu biex jieħu ħsieb l-istatura tal-ħaddiema. Spjega li d-differenza bejn sedil bil-grenaggi u sedi immweldjat kien illi dak bil-grenaggi kellu tlett livelli aggustabbli filwaqt li dak iwweldjat kien fiss f'livell wiehed. Xehed illi l-isteering iwweldjat ma kienx komdu ghal min kellu statura twila u dana billi ħabba l-qosra dan inġieb il-quddiem, u fil-fatt ftit wara għamlulhom pressjoni biex il-granaġġi jiġu ħalli l-haddiema jkunu aktar komdi. Xehed illi pero l-grenaggi damu ma waslu u fi zmien meta r-rikorrenti kellu l-incident kien ghad hemm il-*welding.*

Dwar il-kommunikazzjoni tal-brakijiet bejn it-truck u l-karru xehed li l-brakijiet kienu biss mat-truck u r-roti tal-karru ma jzommux, anzi jitkaxkar. Spjega li fl-2005 t-truckijiet kollha ma kellhomx brakijiet mal-karru u qal li sahansitra anki t-truckijiet tal-llum ġieli meta jkun mghobbi ma jzommux sew. Spjega li l-brakes ma kienux konnessi fis-sens illi t-truck iġorr il-karru u dak iz-zmien il-karru ma kellux brakijiet. Kien jieqaf għax iwaqqfu t-trukk li jkun qiegħed iġorru.

Dwar il-*units* tal-*airconditioning* xehed li kien hemm *units* li kellhom is-*seats* u kienu mingħajr *'airconditioning'*. Xehed li l-'*airconditioners*' twaħħlu qabel it-2005 u kkonferma li t-tug master bin-numru 181 kellu *airconditioner*.

Dwar il-paviment tal-A stack, xehed li din kienet magħmulha minn blokki tal-ġebel tal-konkos, qishom bricks, l-istess materjal tal-bankini. Dwar il-*'lightening towers*' xehed li fl-A stack ma kienx hemm. Dawn kienu fil-B stack u aktar il-bogħod. Fl- A

stack xehed li kien hemm blokok tal-konkos għoljin nofs metru u wiesgħa 14 bi 12 il-pied ċirka.

**In kontro-ezami** qal li li ilu jahdem ix-xatt bejn 16/17 il-sena u li hu jsuq '*country crane'* u *'tug master'* u jaħdem l-istess xogħol bħar-rikorrenti. Xehed li kull truck għandu l-*head lamps*, pero ma setghax jikkonferma jekk jaħdmux jew le. Xehed li fil-post fejn ġara l-inċident ġieli ħadem u mistoqsi qatt ħabat f'dak il-pedestall fejn ġara l-inċident xehed li ma ħabat qatt. Dwar il-limitazzjoni tal-ispeed gie stabbilit li l-limitazzjoni tal-ispeed għall-vetturi fil-viċin tal-Freeport hi ta' 15 il-mil fis-siegħa u li **l-'*ispeedometers*' tat-truckijiet ma kienux jahdmu u t-truckijiet tal-llum lanqas biss ghandhom '*speedometers'*.**

**Carmel Zammit** xehed u fil-maggior parti kkonferma u kkorobora l-ilmenti tar-rikorrenti rigward il-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-*port workers*. In partikolari xehed illi t-tug masters bhala kabina kienu zghar u ma kellhomx mizuri ta sigurt' tal-gaggeg li bihom jigi protett ix-xufier ta' gewwa. Qal li s-*seats* ma kienux komdi u addati ghal-haddiema li jsuqu tmien sighat, jigifieri ma kenux *ergonomatically designed*. Xehed dwar rakkomandazzjonijiet li saru fis-sena 1999 u li kien hemm madwar 13 - il rakkomandazzioni inkluz l-emergency door, l-adjustable steering u *seats*. Qal li waqt laqgha, hu kien talab li jingib *surveyor* minn barra tal-ITF biex jiccertifica li s-*seats* l-antiki huma *safe* u li Joe Bugeja ma kienx accetta ghaliex ried igib il xi hadd minn Malta izda x-xhud ma accettatx.

Dwar il-post fejn gara l-incident tar-rikorrent, xehed illi hemm pjanci kbar tal-hadid biex l-RTG inaqqas il-friction biex ikun jistgha jdur b'aktar facilita' u jmur ximkien iehor fejn ser jahdem fl-istacks. Qal li l-ilma li jahslu bih kien vicin hafna ta' dawn il-pjanci. Xehed illi fil-post fejn kien gara l-incident, dawl kien hemm ftit hafna, u li filfatt id-dawl kien in-naha l-ohra ta' l-istack. Spjega l-arblu li jaghti d-dawl kien il-boghod xi ftit mhux hazin: xi tletin metru il-boghod, u zied li dan illum ma ghadux hemm u l-arblu u l-*platform* ta' tahtu tnehhew. Qal illi jaf li r-rikorrent habat gol-*platform* gholja zewg piedi u nofs tal-konkos solid peress illi ra t-truck mahbut.

Dwar il-*platform* xehed li din hija struttura li fiha zzomm l-arblu, u li dak iz-zmien pero il-konkos biss kien hemm u ma dehrlux li kien hemm Arblu. Qal li t-*tugmaster*

kien jghaddi maghha ezatt. Qal ukoll li n-naha ta' qabel l-incident, it-triq kienet sfrondata. It-triq ma kienitx regolari, u int u ghadej bit-truck thossu jimmolla. Dwar li jiskiddjaw it-truckijiet xehed li din ma kienitx haga rari, anzi kienet ghadha tigri sal-llum.

**Joseph Desira** xehed u kkonferma u kkollabora l-verzjoni tar-rikorrent rigward il-kondizzjonijiet tal-*port workers.* Dwar il-brakijiet tat-*Tug masters,* xehed illi li meta kienu icempluli dwar xi brakijiet li kien ikollhom il-hsara, kien intellghu l-*garage*, jirrapurtah lil-ingineer u meta jkun lest jirritornah. Mistoqsi kienx hemm ilmenti mill-*port-workers* xehed li gieli kien ikun hemm ilmenti fuq l-*airconditioners*.Fuq is-seat tat-*tugmaster* xehed li r-rikorrent gieli qallu li ma joqghodx sewwa go fih minhabba l-istatura twila tieghu. Mistoqsi x'kien jigri meta kien jilmenta, wiegeb li hu kien jipprova joffrilu truck iehor izda hu ma kellhux il-jedd li jghidlu biex ma jmurx jahdem u li ghalhekk ir-rikorrent kien ikollu jahdem b'li hemm.

**In kontro-ezami** xehed ukoll li t-*tug master* isuquhom kemm ħaddiema tax-xatt kif ukoll dawk tal-*Freeport*. Dwar il-proċedura tal-ħaddiema tax-xatt, spjega li hu kien jipprepara it-truckijiet u l-haddiema kienu jinghatu karta li tindika liema *truck* kellhom isuqu u taht liema *crane* imorru.

**Chris Vella** xehed u pprezenta numru ta' dokumenti. Fir-rigward tad-dokument immarkat Dok CV6 spjega li dan juri li f'Jannar qabel l-inċident inqala l-*isteering column*, fost xogħoljiet oħra li saru, it-tieni input turi li sar xi xogħol elettriku fuq il-kolonna tal-*isteering* li jkun fiha l-controls. Rigward id-dokument immarkat Dok CV7 spjega li dan juri li f'Jannar twaħħal l-*isteering column* il-ġdid u mit-3 pagna jirrizulta kemm kienet tiswa din l-*isteering column*. Il prezz huwa euro għax is-sistema turi l-valuri kollha bl-ewro. Rigward Dok CV12 spjega li din hija pjanta li turi t-triq li minnha kellu jgħaddi l-attur sabiex imur Terminal 2. B'ċirku hemm indikat fejn kien hemm il-*platform* li fuqha suppost hemm il-*lightning tower* li pero ma kienx hemm hekk dakinhar tal-inċident.

**In kontro-ezami** xehed illi minn meta wasal t-TG181 fit-2000 sarulu xi xogholijiet u xehed illi fit-2005 f' Jannar, kien inbidel l-*isteering* kollu u kien sarlu wiehed gdid. Dan ix-xoghol sar mill-MOL li huwa l-maker tat-*truck*, u dan gie daqslikieku kien

gdid. Dwar is-*seat*, xehed illi fit-22 ta' Mejju 2005 inbidel is-*seat*, li kien *seat* gdid u jkun tal-fabbrika. Dwar *speedometers* xehed li dan il-mudell lanqas gdid ma kien fih *speedometer*. Mill-fabbrika johrog minghajr *speedometer*. Qal illi fl-1 ta' Lulju tas-sena 2005 inbidlet l-ispring ta' quddiem tal-istess trukk. Dwar dawl tat-*truck*, xehed li t-*truck* ghandu zewg *headlamps* fuq quddiem, *sidelamps* u *working lights*, qishom *spotlights* zghar fuq is-saqaf tal- kabina li juru warajh peress li hu jittawwal lura biex juri t-trukk. Ma hemmx rappurtat li kien hemm xi problema jew ilment dwar dawn id-dwal. Dwar min kien jaghmel ix-xogholijiet ta' tiswija fuq l-imsemmija *tug masters* xehed li kien ċertu *'ragel bis-sena ta' welder, Billy Portelli, li ghalkemm welder by profession, jaghmel general work. Billy Portelli huwa l-persuna li jisservisja s-seatijiet.*'

Fix-xhieda tieghu kkollabora diversa xhieda tar-rikorrenti fuq fatti dwar it-trukk u ċioe li l-181 mill-fabbrika hareg minghajr *aircondition*, li l-*air-conditioning unit* qabel beda jintuza kien sar fih fuq struzzjonijiet tal-MFP u li l-*air-conditioning unit* kien sar fil-kabina fuq in-naha tax-xuffier fuq is-saqaf tax-xuffier.

**L-Avukat Stanley Portelli** xehed illi r-rikorrent kien maghruf ghas-sieghat twal li kien jaghmel jahdem u dan huwa rifless ukoll fl-attendenza tieghu. Rigward Dok CV4 xehed illi dawn ic-certifikati ma johorgux minhabba l-incident izda johorgu apposta fir-rigward tal-ingenji li jkunu qieghdin joperaw bihom fil-Freeport, l-istess bhalma jsiru fuq *lifts* jew affarijiet ohrajn. Rigward id-dokument CV5 xehed illi din is-senjaletika kienet diga tezisti fi zmien l-incident u li s-sinjal tletin jirreferi ghall-i*speed limit* ta' 30 kilometru fis-siegha li japplika ghal kull min ikun qed isuq f'dik iz-zona.

**Ikkonsidrat;**

Ir-Rapport tal-Perit Tekniku

Irrizulta lil Perit Tekniku li fil-hin tal-incident, ir-**rikorrent kien diga ilu jahdem tlettax -il siegha (13)**. Irrizultalha wkoll illi fil-gimgha tal-incident mertu ta' din il-kawza, **ir-rikorrent kien diga hadem tmenin siegha qabel ma beda is-*shift* fl-4pm**

**fit-22 ta' Lulju 2005.** Il-Perit Tekniku ghalhekk irrelatat illi jista' jkun li r-rikorrent kien qed isofri minn *fatigue* li kkontribwiet ghall-incident in kwistjoni.

Il-Perit Tekniku ikkonludiet illi minhabba l-kondizzjonijiet tat-temp, fil-hin tal-incident, l-art tal-i*stack corridor* kienet ftit imxarrba, kif ikkonfermat mix-xufier tal-ambulanza li qal li kien hemm hafna umdita fit-triq. Il-Perit Tekniku irrelatat illi:

> "*However, as the tug master exited, travelling at a maximum speed of 30 km/h (no evidence can prove otherwise) from 3A stack and was proceeding to stack 4A, through the exposed 31 m opening between the stacks 3 and 4, there would have been a drastic change in the ground condition, making the wet, uneven and undulating concrete bricks considerably more slippery, as well as the RTG steel plates*."

Irrelatat ukoll illi meta r-rikorrent applika l-*brakes "the wheels/tyres were locked on the wet surface, uncontrolled sliding occurred and the tug master lurched forward as the weight was transferred to the forward wheels. His forward movement and landing on the steering wheel, confirms the application and functioning of the brakes."*

Ikkonstatat illi ghalkemm fejn sehh l-incident ma kienx hemm dlam cappa, "*illumination at the accident site was reduced and at a workable level*" u li filwaqt li s-sinjali rigward l-ispeed limit massimu u r-rotot kienu cari, **ostakoli u postijiet perikoluzi ma kienu indikati bl-ebda sinjali.**

Fir-relazzjoni taghha, l-Perit Tekniku kkonkludiet illi kien hemm hafna rapporti ta' partijiet fis-sedil u *steering wheel* li ma kienux jifilhu *stresses* waqt l-uzu, u li kienu qed isofru *fatigue failure*, izda l-MFT ma produciet l-ebda dokumentazzjoni li turi li kienet ikkomunikat mal-manifattur fir-rigward ta' dawn il-problemi u x'kellu jsir. Dan barra illi ma gew prezentati l-ebda provi rigward it-tip u frekwenza ta' spezzjonijiet u manutenzjoni ghar-ragunijiet ta' sigurta. Irrelatat ukoll illi ma kien sar l-ebda *risk assessment.*

Il-Perit Tekniku ikkonkludiet illi l-provi juru li *Tug Master* 181 kien '*safe for operational service.'* Ziedet pero illi:

> "*…the environmental conditions did contribute heavily to the ensuing lack of control of the tug and platform combination as it emerged out of the stack 3A to 4A and passing over the steel plates. Nonetheless, it must be said that if the concrete platform LT8 was removed or proper signage or barriers preventing traffic along this route, the accident would have been of a less serious nature or not happen at all.*"

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti l-ewwel nett tibda billi tosserva illi skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kawzi ghar-rizarciment ta' danni sofferti minn impjegat wara incident fuq il-post tax-xoghol huma danni ta' natura kontrattwali. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2005:

> "*Dan premess, ma jista' qatt ikun dubitat illi min iħaddem hu* tenut *jadotta l-miżuri kollha idoneji biex jittutela lill-impjegati tiegħu. Din ir-responsabilita` għandha natura kontrattwali bil-konsegwenza li, għall-***iskop** *tar-riżarċiment tad-*danni *fuq il-persuna, jaggrava fuq il ħaddiem li jipprova l-inadempiment ta' min iħaddem għall-*obbligu *ta' l-adozzjoni ta' tali miżuri*;
>
> [...[
>
> ***Jekk l-impjegat jirnexxielu jassolvi tali oneru tan-nuqqas ta' miżuri adegwati ma għandux għalfejn, stricto jure, jiddemostra ssussistenza tal-kolpa tal-prinċipal inadempjenti. Jinkombi fuq dan ta' l-aħħar li juri li l-event leżiv seħħ miħabba fatt mhux imputabbli lilu***."

Il-Qorti rat illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrent jaghmel referenza ghal Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola kwistjonijiet ta' sahha u sigurta kif ukoll l-Avviz Legal 281/2004 li jirregola l-bzonnijiet minimu tas-sahha u s-sigruta fuq il-post tax-xoghol u l-Avviz Legali 36/2003 li jipprovdi ghal disposizzjonijiet general dwar sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol. In succinct dawn il-ligijiet u regolamenti jipprovdu illi min ihaddem ghandu l-obbligu li jizgura s-sahha u s-sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal min ihaddem, inkluz billi jiehu numru ta' mizuri sabiex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, abbazi ta' numru ta' principji ta' prevenzjoni, jipprovdi ghat-taghlim u tahrig necessarju ghal haddiema, u jwettaq evalwazzjoni tar-riskji ghas-sahha u sigurta u wara jiehu hsieb li jiehu l-mizuri necessarji biex jipprevjeni r-riskji u jikkontrolla l-fatturi kollha li jistghu jaghtu lok ghal incident jew joholqu riskju ghas-sahha. Dawn l-obbligi huwa kollha imposti tassativament fuq min ihaddem mill-ligi stess.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003:

> *"[h]ija gurisprudenza tal-Qrati taghna li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu; min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiema (ara "Bugeja vs Falzon", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997, u "Desira vs Grech & Co. Ltd", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002). Min ihaddem ghandu jinzamm responsabbli meta ma jiehux hsieb li jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem, u jrid ukoll jipprevedi u jipprovdi ghal fatt li l-haddiem ghandu tendenza li jitraskura r-riskji inerenti fix-xoghol tieghu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Schembri vs Caruana noe", deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, "wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq*

*dan ix-xoghol"; dawn huma kollha fatturi li, min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunement hu msejjah "a safe system of work."*

*Inoltre, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu ("Cini vs Wells noe", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu."*[1]

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Godfrey Buhagiar vs Malta Shipbuilding Company Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2001, u cioe illi:

"*ħafna drabi l-impjegat huwa obbligat jaqdi dmiru f'ambjenti ftit li xejn rakkomandabbli u xorta jagħmel xogħolu. Iżda ma jfissirx li b'daqshekk hu jkun qed jaċċetta r-responsabbilità għal dak li jista jiġrilu. Kull ma jfisser hu li l-impjegat jipprova jaqdi dmiru fiċ-ċirkostanzi provduti lilu.*"

Il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta ntimata Malta Freeport Terminals Limited naqset milli tadotta l-mizuri necessarji sabiex tittutela s-sahha u s-sigurta tar-rikorrent, qua impjegat taghha, u billi nasqet milli tohloq *a safe system of work* u dan billi:

1. Kif relatat mill-Perit Tekniku, ma jirrizultax illi kien jsiru spezzjonijiet u manutezjoni regolari tat-*tug masters;*

2. Kif ukoll relatat mill-Perit Tekniku, ma jirrizultax illi l-Malta Freeport Terminals kienet ghamlet xi *risk assessment.* Dan nonostante l-fatt illi kif rilevat aktar il-fuq huwa obbligu impost mill-ligi fuq min ihaddem illi jaghmel

[1] Vide wkoll **John Sultana vs Francis Spiteri,** Qorti tal-Appell Kummercjali deciza 28 ta' Meju 1979: **"***min iħaddem huwa fid-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem.*"

*risk assessment* u wara tali *risk assessment,* jiehu dawk il-mizuri kollha li jirrizulta necessarji ghas-sahha u s-sigurta tal-impjegati tieghu;

**3.** Ghalkemm il-Perit Tekniku irrelatat illi t-*tug master* 181 kien '*safe for operational service',* il-Qorti tirrileva illi anke jekk dan it-*tug master* kien sigur ghax-xoghol b'mod generali, dan ma jfissirx illi kien idoneju biex jigi uzat mir-rikorrent, peress illi rrizulta mix-xhieda tar-rikorrent, ikkorroborata mix-xhieda ta' *port workers* ohra, illi t-*tug master* 181 ma kienx tajjeb sabiex jinstaq min persuni tal-istatura tar-rikorrent, peress illi s-sedil u l-i*steering wheel* ma kienux aggustabbli u kien iktar idoneju ghall-uzu minn persuni ta' statura iqsar, u dan wara illi l-Malta Freeport Terminal Limited kienet ghamlet xi tibdil fit-*tug masters* biex is-sedili u l-i*steering wheels* ma jibqghux aggustabbli. **Il-Qorti tqis illi kienet irresponsabbilita da parti tas-socjeta ntimata illi ggieghel lill-impjegati taghha joperaw makkinarju mhux addattat ghall-istatura taghhom nonostante l-ilmenti li kienet tircievi minghandhom dwar dan;**

4. Is-socjeta ntimata ma kienetx tiehu l-mizuri idoneji **sabiex tizgura illi l-impjegati taghha ma jahdumx sieghat eccessivi**. Irrizulta illi fil-hin meta r-rikorrent beda s-*shift* tieghu waqt liema sehh l-incident, **kien diga hadem tmenin siegha f'gimgha**, u l-incident **sehh fit-tlettax – il siegha konsekuttivi ta' xoghol tieghu,** u **wara li kien hadem 93 siegha dik il-gimgha**. Dan is-*shift* ma kienx talbu r-rikorrent stess, **izda kien gie mitlub li jahdmu minn min kienu fuqu**. Anke li kieku seta' kien minnu li r-rikorrent raqad waqt li kien qieghed isuq, ghalkemm ma hemm l-ebda prova dwar dan, ir-responsabbilta taqa' fuq is-socjeta ntimata, li ma kellha qatt tippermetti illi impjegat jahdem dawk is-sieghat kollha ta' xoghol. Il-fatt illi s-socjeta rikorrenti ippermettiet li r-rikorrent ikun diga hadem 93 siegha f'gimgha fil-mument meta sehh l-incident, fil-fehma tal-Qorti, huwa fattur iehor li jkompli juri li s-socjeta ntimata naqset milli tpoggi fis-sehh *a safe system of work.*

Inoltre l-Qorti tqis illi ma jistghax jinghad li kien hemm xi negligenza kontributorja minn naha tar-rikorrent ghaliex accetta li jahdem dan is-*shift* u dan peress li kif jinghad fl-affidavit tieghu u mhux kontestat, hu kien

oggezzjona ghal dan id-dmir, u **xorta wahda gie mgieghel jahdem dan is-*shift*** bit-*tug master* 181. Apparti minn hekk, skont ix-xhieda wkoll mhux kontradetta tar-rikorrent, skont il-ftehim vigenti bejn il-*Port Workers Scheme* u s-socjeta konvenuta x-xoghol ma setghax jieqaf **u min ikun responsabbli ghall-waqfien tax-xoghol kien jigi sospiz.** Fid-dawl ta' dan, huwa zgur li r-rikorrent m'ghandu jerfa' l-ebda responsabblita tas-sieghat eccessiva li hadem li setghu ikkontribwew ghal incident, ghaliex anke f'dan is-sens it-tort huwa unikament tas-socjeta ntimata illi hadmet sistema li tista' kwazi kwazi tissejjah abbuziva fil-konfront tal-haddiema taghha f'dak li ghandu x'jaqsam sieghat lavorattivi;

5. Kif relatat mill-Perit Tekniku, **ma kien hemm l-ebda sinjali rigward ostakoli jew postijiet ta' perikolu ohra.** Fil-fehma tal-Qorti dan huwa nuqqas lampanti minn naha tas-socjeta ntimata, illi kellha obbligu li tipprovdi informazzjoni cara lill-impjegati taghha dwar perikoli jew riskji ghas-sahha u sigurta taghhom waqt ix-xoghol;

6. Mix-xhieda tirrizulta illi t-triq fejn sehh l-incident kienet imharbta u mizghuda bil-hofor. Is-socjeta ntimata kellha obbligu li taghmel il-manutenzjoni u t-tiswijiet neccessarji sabiex tassigura illi l-istat tat-triq ma jkunx ta' perikoli ghall-impjegati taghha, izda jirrizulta car illi baqghat inadempjenti;

7. Skont il-Perit Tekniku ghalkemm il-livell ta' dawl fejn sehh l-incident kien ridott, xorta kien hemm vizibilita '*workable'.* Fil-fehma tal-Qorti pero din mhux bizzejjed ikkonsidrat il-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz, u cioe li t-triq kienet imharbta, u b'kondizzjonijiet ta zlieq kien hemm bzonn li jkun hemm dawl aktar minn normal biex il-haddiema jaraw sew u minghajr tfixkil fejn qieghdin isuqu; di piu' ma kienx hemm sinjaletika ghal ostakoli u perikoli, biex b'hekk il-haddiema ma kellhomx pre-avviz ta' dawn li allura jfisser li imqar kellhom ikollhom dawl tajjeb biex jaraw fejn qed isuqu. Inoltre l-fatt li r-rikorrent kien diga hadem tlettax – il (13) siegha konsekuttivi, u tlieta u disghin siegha (93) f'gimgha fil-mument tal-incident, u jawmenta konsiderevolment l-importanza ta' vizibilita tajba f'dawn ic-cirkostanzi.

8. Kif irrelatat il-Perit Tekniku il-*Concrete Platform* LT8 kienet ta' perikolu, u l-incident setgha jigi evitat ghal kollox, jew almenu ikun ta' anqas severita **li kieku jew ma kienx hemm din il-*concrete platform*, jew kien hemm *barriers* biex l-impjegati ma jghaddux minn hemm, jew almenu sinjali dwar ir-riskju imminenti,** li kif intqal qabel ma kienx hemm. Ghalhekk huwa zgur f'dan ir-rigward illi kien hemm nuqqas minn naha tas-socjeta ntimata li tipprovdi *a safe system of work* ghar-rikorrent;

9. Il-fatt illi meta u jekk kienet issir xi manutenzjoni, din ma kienetx issir minn persuni specjalizzati kif ghandu jkun, u anke l-fatti illi wara diversi *failures* irraportati fit-*tug masters*, is-socjeta ntimata ma ghamlet l-ebda komunikazzjoni mal-manifattur biex tara x'tista taghmel dwar dan, juri li s-socjeta ntimata ftit kellha interess ghal kondizzjonijiet li fihom kienu jahdmu l-haddiema taghha u minn dan zgur isegwi li s-socjeta ntimata ma poggietx fis-sehh *a safe system of work.*

Fil-fehma tal-Qorti huwa altru milli evidenti li s-socjeta naqset ghal kollox milli tipprovdi *a safe system of work* u tqis inoltre illi huwa assolutament deplorabbli illi s-socjeta ntimata kienet tinjora l-ilmenti tal-haddiema taghha rigward is-sigurta tal-kondizzjonijiet li kienu jahdmu fihom u ggieghel lil dawn il-haddiema jahdmu f'tali kondizzonijiet taht piena ta' sospensjoni u anke illi poggiet fis-sehh sistema fejn il-haddiema ma setghux jirrifjutaw *shifts,* anke jekk ikunu diga haddmu ammont ta' sieghat ezagerati. Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-avukat difensur illi l-haddiema tax-xatt kienu jithallsu paga tajba hafna bl-ebda mod ma jiskolpa lis-socjeta ntimata mir-responsabbilita taghha li tipprovdi a *safe system of work.* Di piu' il-Qorti qajla tqis illi, kif jghid l-istess difensur,illi l-haddiema tax-xatt kien ta' min jghir ghalihom, ghaliex difficli tghir ghal haddiema li l-*employer* taghhom ghandu interess tant fjakk fis-sahha u sigurta tal-haddiema tieghu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-ebda negligenza kontributorja da parti tar-rikorrent ma tezisti. Jirrizulta mill-provi illi s-socjeta ntimata kienet iggieghel lill-haddiema taghha jahdmu anke wara li jressqu ilmenti rigward perikoli, u li barra minn hekk, min kien jitqies responsabbli ghal waqfien tax-xoghol kien jigi sospiz. Konsiderat dan, il-Qorti ma tistghax issib li kien hemm negligenza kontributorja da parti tar-rikorrent ghaliex

hadem bit-*tug master* 181, u ghaliex hadem sieghat eccessivi, ghaliex jirrizulta illi l-ghazla tieghu kienet illi jew jaghmel dan jew jitlef l-impjeg. Din, ghal haddiem mhijiex ghazla.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi s-socjeta ntimata Malta Freeport Terminals Limited hija unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat;**

Jibqa ghalhekk biex jigi determinat il-quantum ta' danni sofferti mill-rikorrent.

**Lucrum Cessans**

**Introjtu tar-rikorrent:**

Flimkien mal-affidavit tieghu, ir-rikorrent esebixxa dokumenti li juru l-introjtu gross tieghu ghat-tliet snin immedjatament qabel l-incident in kwistjoni:

- 2002 - Lm26,569[2]
- 2003 - Lm30,808[3]
- 2004 - Lm32,293[4]

Jirrizulta illi l-paga tar-rikorrent kienet tvarja skont kemm kien jahdem, pero mill-figuri riportati hawn fuq jirrizulta car illi l-paga tar-rikorrent kienet qed tizdied b'mod annwu. Ghalhekk, mill-figuri hawn riporti jirrizulta li l-medja tal-introjtu annwu tar-rikorrent immedjatament qabel l-incident kienet ta' Lm29,890, ekwivalenti għall-€69,624.97.

Fir-rigward tal-ammont ta' introjtu li fuqu ghandha ssir il-komputazzjoni tad-danni, il-Perit Legali irrelatat hekk:

---

[2] Ara Dokument mmarkat bħala Dokument NA1 anness mal-affidavit tal-attur.
[3] Ara Dokument mmarkat bħala Dokument NA2 anness mal-affidavit tal-attur
[4] Ara Dokument mmarkat bħala Dokument NA2 anness mal-affidavit tal-attur

*"Illi wieħed irid jikkunsidra li li kieku l-attur ma sofra ebda dizabilta allura l-paga tiegħu kienet titla u teskala. Dan ma kienx possibli minħabba ċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom. Illi ċ-ċirkostanzi tal-mod kif kien jitħallas l-attur ukoll huma differenti minn kazijiet ordinarji u dana peress li l-Ħaddiema tax-xatt jitħallsu skond kemm jaħdmu. F'tali ċirkostanzi jkun għalhekk ġust u ekwu illi tigi ffissata somma arbitrio boni viri li għandha tagħmel tajjeb għal din is-sitwazzjoni li jinsab fiha l-attur u dan kif anki rriteniet il-Qorti tagħna f'diversi kazijiet.*

*L-esponenti umilment tissottometti li għalhekk ġialadarba l-medju annwali huwa ta' €69,624.97 - u d-differenza bejn Lm2,000 u Lm4,000 - għandu jittieħed il-medja ukoll ta' din iz-zieda u ċioe ta' lm3,000 u titqies li biz-zieda ta' l-għoli tal-ħajja u l-effett ta' l-inflazzjoni, ċ-ċifra sabiex jinħadem il-lucrum cessans għandu jkun ta' €75,000."*

Il-Qorti tqis illi dan ir-ragunament huwa gust u ghaqli, ghaliex jirrifletti n-natura tal-introjtu tar-rikorrent, li evidentement kien qieghed jizdied b'mod annwu, u qed taghmel dan ir-ragunament taghha. Ghalhekk, is-somma li fuqha ghandhom jigu komputati d-danni dovuti hija ta' hamsa u sebghin elf ewro (**€75,000)**.

**Persentagg ta' dizabilita permanenti:**

Fir-rigward tad-dizabilita permanenti intqal illi:

*""dak li jrid jigi stabbilit mhuwiex grad ta' inkapacita` f' sens purament mediku izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq ilqligh tad-danneggjat" ("Butler –vs- Heard"). Kif spjegat fid-decizjoni "Vincenza Vella Dalmas –vs- John Ghigo et", Appell Civili, 5 ta' Frar 1980, "il-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghaliex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impjieg taghha u ma*

*tista' qatt tkun au pair ma' impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b' mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha."*

*Gie in fatti osservat illi "d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligh ahjar f' xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika ..." ("George Gatt – vs- Francis E. Carbone nomine". Appell, 7 ta' Lulju 1998) ."*[5]

Il-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti huma limitati ghal:

*"kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-dannaggjat bhala rizultat dirett ta' l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorativa tieghu. Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorativa ghalih miftuha."*[6]

Pero gie ritenut ukoll illi danni permanenti li jgibu bhala rizultat u konsegwenza motiv ta' misthija u telf ta' *joie de vivre* jincidu wkoll fuq l-aspettattivi tax-xoghol tal-persuna li ssofrihom, u li apparti l-konsiderazzjoni mil-lat jew grad ta' inkapacita` ghax-xoghol wiehed irid iqis ukoll il-kumpless tal-konsegwenzi delatarji li d-dannu jhalli fuq il-persuna skont cirkostanzi personali taghha.[7]

F'dan il-kaz, skont ir-rapport tal-Perit Mediku maħtur mill-Qorti nhar l-24 ta' Frar 2011, Mr. Massimo Abela, **ir-rikorrent sofra dizabilta permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%)**.[8] Din il-konkluzjoni ma gietx kontesta mill-partijiet, u ghalhekk ser tkun il-persentagg ta' dizabilita applikat mill-Qorti fil-komputazzjoni taghha.

---

5**Maria Debono vs Andrew Vaswani,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Ottubru 2003.
6**Carmelo Galea vs Albert Mizzi et noe,** Qorti tal-Appell Civili deciz 23 ta' April 2001.
7**Maria Debono vs Andrew Vaswani,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Ottubru 2003.
[8] Rapport tal-Espert Mediku qiegħed esebit a fol 117 - 121 tal-Proċess.

**Multiplier:**

Il-multiplier, hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-multiplier li jigi adoperat mill-Qrati jvarja, hekk kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijet George Spiteri vs Raymond Fava (Citazz. Nru. 484/2008LFS): "kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena Butler vs Heard App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 Gauci vs Xuereb PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena Camilleri vs Polidano PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena Bugeja vs Agius App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov- 2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 Grima vs Penza PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena Zammit vs Zahra PA 20- Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena Sammut vs Zammit App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004."

Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza ccitata, il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet precitati ta' **George Spiteri vs Raymond Fava**, uzat is-segwenti chart:

| **Eta tal-vittma** | **Multiplier Massimu** |
|---|---|
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 63 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |

| | |
|---|---|
| 56 | 6 |

Il-Qorti ma jidhirilx li ghandha tiddipartixxi mill-principji delineati fis-sentenza Spiteri vs Fava hawn fuq citati, u ghalhekk tqis illi fil-kawza odjerna il-**multiplier ta' 8** ghandu jigi adoperat.

**Komputazzjoni**

| | |
|---|---|
| €75,000 x 8 = | €600,000 |
| € 600,000 x 20% = | **€120,000** |

Fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana vs Phlip Chircop and Sons Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Lulju 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015, il-Qorti taghraf li ma' dan l-ammont ghandha tizdied is-somma ta' €303.78 bhala zieda ghall-gholi ta' hajja. Ghalhekk, adoperat *multipier* ta' 8, ghandha tizdied is-somma ta' **€2,430.24.**

**Tnaqqis tal-lump sum payment:**

Din is-sentenza qed tinghata kwazi hdax -il sena wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, u circa dsatax -il sena wara li gew intavolati l-proceduri. Fid-dawl ta' dan, u in linja mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Joseph Zammit et vs Duncan Galea et** deciza fis-26 ta' Gunju 2015, din il-Qorti m'hijiex sejra taghmel tnaqqis tal-*lump sum payment.*

Dan ukoll specjalment fid-dawl tal-fatt illi, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joe Caruana vs Philip Chircop and Sons Limited et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015

> "***Il-Qorti tosserva li l-gustifikazzjoni ghat-tnaqqis minhabba lump sum payment tinsab fil-fatt li dan jirrapprezenta hlas anticipat ta' dhul futur. Meta, bhal fil-kaz tal-lum il-hlas ser isir mhux bil-***

***quddiem izda b'lura, ghax gia` ghaddew erba' snin minn kemm huwa l-multiplir ma hemm ebda gustifikazzjoni ghal tali tnaqqis**.*"

**<u>Dannum Emergens</u>**

Bhala dannum emergens ir-rikorrent qed jitlob hlas ta' dawk il-hdax -il xahar li fihom ma hadimx kawza tal-incident mertu ta' din l-azzjoni, u li ghalihom ma thallasx. Skont ir-rikorrent, l-ammont dovut lilu taht din il-kappa ghandu jkun ta' €63,822.88.

Fuq dan il-Perit Legali irrelatat b'dan il-mod:

*"Il-Perit Legali ma taqbilx mal-kalkoli tal-attur peress li huma xi ftit azzardati.*

*Illi l-Perit Legali tikkontendi li jekk il-medja tad-dħul tal-attur ġiet stmata bħala €69624,97 - fuq sentejn kien idaħħal cirka €139,249.94.*

*Illi għall dawn is-snin l-attur daħħal bħala stat ta' fatt:*

*fis-sena 2005 Lm22,050 ekwivalenti għall €51,362,68*
*fis-sena 2006 Lm18.160 ekwivalenti għall €42,301.42*

*Illi kieku mis-somma ta' €139,249,94 jitaqqas id-dħul attwali li għamel l-attur u ċioe dak ta' €93,664.10 - l-attur ikun tilef cirka €45,585.84.*

*Għaldaqstant il-perit legali umilment tissottometti li l-attur għandu jipperepixxi s-somma ta' €45,585.84 bħala damnum emergens tax-xogħol li tilef."*

Din il-Qorti taqbel perfettament mar-ragunament tal-Perit Legali illi ghandu jkun hem tnaqqis ta' dak percepit mir-rikorrent, izda ma taqbilx mal-figura illi l-Perit Legali uzat bhala l-introjtu medju tar-rikorrent u mal-kalkolu maghmul. Kif gie stabbilit

aktar il-fuq, l-introjtu medju annwu tar-rikorrent inhadem **fuq stima ta' €75,000** sabiex jigu mehud in konsiderazzjoni l-awment annwu fil-paga tar-rikorrent. Il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda raguni ghalfejn f'din il-komputazzjoni ghandu japplika principju differenti, u ghalhekk tqis illi l-medja tad-dhul tar-rikorrent ghandha tinhadem fuq €75,000. Barra minn hekk, id-dannum emergens ghandu jigi kkalkolat fuq hdax – il xahar, peress illi dan kien l-ammont ta' zmien illi r-rikorrent ma setghax jahdem minhabba l-incident de quo.

Usando il-medja ta' introjtu ta' €75,000 iwassal ghal konkluzjoni illi fl-2005 u l-2006 ir-rikorrent kellu jaqla' circa €150,000. Minflok l-introjtu tieghu kien ta' €93,663.42, u cioe medja ta' €3,902.64 fix-xahar, minflok circa €6,250 fix-xahar. Ghalhekk id-differenza hija ta' circa €2,347.36 fix-xahar. Moltiplikat dan ghal hdax -il xahar, it-telf attwali li sofra r-rikorrent meta ma setghax jidhol ghax-xoghol minhabba l-incident de quo huwa ta' **€25,820.96.**

Ghalhekk l-ammont dovut komplessivament lill-attur huwa fis-somma ta'

| | |
|---|---|
| *Dannum Emergens* | €25,829.96 |
| *Lucrum Cessans* | €120,000 |
| Zieda gholi tal-hajja | €2,430.24 |
| **Total** | **€148,260.20.** |

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet ta' Steamship Insurance Management Ltd u CMA CGM (Malta) Limited invista ta noti ta cessjoni prezentati mill-attur, tichad l-eccezzjoni kollha tal-Malta Freeport Terminals Limited, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent, u konsegwentement:

1. **Tiddikjara illi l-Malta Freeport Terminals Limited hija unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-kawza u d-danni kollha konsegwenzjali li sofra r-rikorrent;**
2. **Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' mija, tmienja u erbghin elf u mitejn u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€148,260.20); u**

3. **Tikkundanna lil Malta Freeport Terminals Limited thallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata ta' mija, tmienja u erbghin elf u mitejn u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€148,260.20), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez tar-rikorrent u ta' Malta Freeport Terminals Limited ghandhom jithallsu kollha minn Malta Freeport Terminals Limited, filwaqt li l-ispejjez ta' CMA CGM (Malta) Limited u Steamship Insurance Management Ltd ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**